ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

## DIRETTIVI GĦALL-ĦARSIEN TAS-SAĦĦA

Kif nafu lkoll, bħalissa ma' diversi pajjiżi qed tixtered ħafna l-Coronavirus (COVID-19).

Bħala miżura ta' prekawzjoni u biex jiġi evitat kemm jista' jkun il-periklu ta' tixrid tal-Coronavirus, sakemm jingħataw direttivi oħra, it-Tqarbin Ewkaristiku bl-ostja għandu jsir biss fl-idejn u mhux fil-ħalq.

Fil-każijiet permessi għal Tqarbin mill-kalċi, it-Tqarbin m'għandux isir billi wieħed jixrob direttament mill-istess kalċi, iżda biss 'per intinctionem'.

Infakkru wkoll li min jiċċelebra l-Quddiesa għandu jassigura ruħu li jkun iddiżinfetta idejh sewwa qabel ma tibda l-Quddiesa u, f'każ ta' bżonn, qabel jibda jqarben. L-istess il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, kif ġa hi drawwa regolari, għandhom jassiguraw li jiddiżenfettaw idejhom qabel ma jqarbnu.

Hi responsabbiltà tagħna lkoll li nieħdu l-miżuri kollha biex nevitaw dak kollu li b'xi mod jista' jxerred il-mard, speċjalment fejn jinġabru numru kbir ta' nies bħall-knejjes jew swali tal-Knisja.

Dawn id-direttivi qed jingħataw wara pariri minn esperti fil-qasam tas-Saħħa.

*Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 24 ta' Frar 2020.*

Lawrence Gatt
Kanċillier

✠ Joseph Galea Curmi
Isqof Awżiljarju
Vigarju Generali